**L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011**

LISTA TA' ANNESSI

| | |
|---|---|
| ANNESS I | Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE |
| ANNESS II | Rekwiżiti tekniċi |
| ANNESS III | Marki |
| ANNESS IV | Mudell ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE |
| ANNESS V | Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE |
| ANNESS VI | Mudell: Anness għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta' trattur fir-rigward tas-saħħa tal-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur |
| ANNESS VII | Parti A: Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha |
| | Parti B: Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni |
| ANNESS VIII | Tabella ta' Korrelazzjoni |

## Dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat *

P7_TA(2011)0216

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (COM(2010)0641 – C7-0403/2010 – 2007/0206(CNS))**

(2012/C 377 E/43)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0587) u l-proposta emendata (COM(2010)0641),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0403/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0100/2011),

([1]) ĠU C 184E, 6.8.2009, p. 119.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwestjoni fiha sempliċi kodifikazzjoni tat-testi eżistenti mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

## Denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni *

P7_TA(2011)0217

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (test kodifikat) (COM(2010)0691 – C7-0034/2011 – 2010/0338(NLE))**

(2012/C 377 E/44)

(Konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0691),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0034/2011),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 - Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0102/2011),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal sempliċi kodifikazzjoni tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.